

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 736/2012**tal-14 ta' Awwissu 2012****li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2012/2013**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 tal-10 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 dwar l-iffissar u l-għoti ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward ta' ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jipprovdi li l-kwantitajiet taċ-ċereali eliġibbli għar-rifużjoni għandhom ikunu l-kwantitajiet ta' ċereali kkontrollati u ddistillati, ippeżati b'koeffiċjent li jiġi ffixxat kull sena għal kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. Dan il-koeffiċjent jesprimi r-relazzjoni bejn il-kwantitajiet totali esportati u l-kwantitajiet totali mqiegħda fis-suq tal-ispirtu tax-xorb ikkonċernat, abbażi tax-xejra osservata ta' dawn il-kwantitajiet matul l-għadd ta' snin li jikkorrispondu għall-perjodu medju taż-żmien tal-maturazzjoni ta' dan l-ispirtu tax-xorb.
- (2) Abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Irlanda u li jirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011, dan il-perjodu medju ta' maturazzjoni fl-2011 kien ta' ħames snin għall-Irish whiskey.

- (3) L-effetti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 899/2011 tas-7 ta' Settembru 2011 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2011/2012 ⁽³⁾ ġew eżawriti minħabba li dan ir-Regolament jirrigwarda l-koeffiċjenti applikabbli għas-sena 2011/2012. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ffixxati l-koeffiċjenti għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013.

- (4) L-Artikolu 10 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jeskludi l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn il-Liechtenstein, l-Islanda u n-Norveġja. Barra minn hekk, l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi li jabolixxu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, dan jitqies fil-kalkolu tal-koeffiċjenti għall-perjodu 2012/2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013, il-koeffiċjenti pprovduti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, applikabbli għaċ-ċereali użati fl-Irlanda fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33.⁽³⁾ ĠU L 231, 8.9.2011, p. 13.

ANNEX

Il-koeffiċjenti applikabbli fl-Irlanda		
Perjodu ta' applikazzjoni	Koeffiċjent applikabbli	
	għax-xgħir użat fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, il-kategorija B (!)	għaċ-ċereali użati fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, il-kategorija A
Mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013	0,227	0,970

(!) Inkluż ix-xgħir ipproċessat f'malt.